MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Numru 512/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONNICI**

**VS**

**SAHIN TURKDOGAN**
**JOHN ZAHRA VINAN**

**Il-Qorti;**

**Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Sahin Turkdogan ta' 32 sena, mwieled it-Turkija**

**(Kangal) nhar l-10 ta' Gunju 1970, iben Hussein u Sahriban nee' Sur, residenti gewwa fond numru 6, Bay Court, Triq il-Kullegg il-Qadim, San Giljan, detentur ta' passaport Tork bin-numru 937546;**

**U kontra John Zahra Vinan, maghruf bhala Vince, ta' 27 sena, iben Tony u Lily nee' Zahra mwieled l-Awstralja nhar l-20 ta' April 1974, u residenti gewwa fond numru 2, Sqaq il-Vittorja, B'Kara, numru tal-karta ta' l-identita' 122391(M);**

**Talli nhar is-27 ta' Awissu 2001, ghall-habta tad-9.00pm, gewwa Msida Road, il-Gzira, sewwa sew gewwa jew fil-vicinanzi tal-hanut "Deniz Kebab", hebbew ghall-persuna ta' Stevanovic Zoran u kkagunawlu griehi ta' natura gravi, skond certifikat mahrug mit-tabib Dr. Gert Attard MD, ta' l-Isptar San Luqa;**

**Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, gewwa l-Gzira, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u glied;**

**Talli fl-istess jum, hin, post u cirkostanzi, tkellmu fahxi u qalu diversi kliem iehor li jammonta f'dagha u kliem hazin;**

**Kif ukoll talli fl-istess jum, hin, u cirkostanzi, gewwa l-Gzira, heddu u qabdu armi rregolari (siggijiet tal-metal) ghall-persuna ohra, cioe' Stevanovic Zoran.**

**Wara illi rat l-Artikoli 216 u 338dd tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja ta' kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.**

**Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti filwaqt li ssibhom hatja, qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma' jikkommettux reat iehor fiz-zmien**

**sena mil-lum, kif ukoll qeghda tordna illi l-imputati jhallsu l-ammont ta' mitejn lira maltin (Lm200), fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Din il-Qorti qeghda tordna r-rilaxx tal-Pipe ezebit.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------